Kunsill Lokali L-GĦASRI Local Council

16.12.2015

**Biex il-pubbliku jkun infurmat b'dak kollu li l-Kunsill Lokali wettaq tul is-sena 2015 u wkoll biex jingħata ħjiel ta' x'ikun qed jiġi ppjanat għal matul is-sena finanzjarja li ġejja, qegħdin inżommu din il-laqgħa tal-lokalita li hija t-tnejn u għoxrin waħda fl-istorja ta' kemm ilu mwaqqaf il-Kunsill Lokali L-Għasri.**

## Rapport tax-Xogħol li sar mill-Kunsill Lokali L-Għasri matul is-Sena 2015

Dan ir-rapport ser ikopri x-xogħlijiet u attivitajiet li saru mill-Kunsill Lokali L-Għasri matul is-sena 2015.

Il-Kunsill Lokali L-Għasri huwa organizzat b'tali mod li jkun jista' jiffunzjona tajjeb sabiex jaqdi l-bżonnijiet tar-residenti ta' dan ir-raħal. Dan hu rendikont tax-xogħolijiet li wettaq il-Kunsill għall-ġid tar-raħal tagħna. Nibdew billi nsemmu x-xogħol li jsir permezz tal-kuntratti li għandna ma' diversi kuntratturi.

Il-Kunsill huwa responsabbli mill-indafa u manutenzjoni tat-toroq kemm urbana kif ukoll taż-żona mhux urbana. Il-ġbir ta' skart domestiku, skart riċiklabbli u skart goff isir ukoll mill-Kunsill. Insemmi l-ġbir ta' l-skart riċiklabbli kull nhar ta' Tlieta u l-ġbir ta' ħġieġ riċiklabbli kull l-ewwel Ħamis tax-xahar li jsir mill-Green mt.

Il-Kunsill jieħu ħsieb ukoll it-tindif tal-latrina pubblika. Il-Kunsill huwa sodisfatt mis-servizzi li qed jieħu mill-kuntratturi konċernati u kull meta kien hemm bżonn dejjem sibna l-koperazzjoni tal-istess kuntratturi.

Il-lampi tat-toroq jaqgħu wkoll taħt ir-responsabilta tal-Kunsill. Din is-sena ir-Reġjun ta' Għawdex imbarka fuq proġett b'finanzjament mill-Unjoni Ewrpojea fejn il-lampi kollha inbidlu għal sistema tal-LED. Għalhekk dawn il-lampi huma ferm iktar effiċjenti. Ta' min isemmi li meta lampa tkun difettuża xorta għandha tiġi rapportatha mal-Kunsill u minn naħa tagħna mill-ewwel ngħaddu r-rapport lill-kuntrattur biex issir il-manutenzjoni meħtieġa.

Il-Kunsill jieħu ħsieb biex jagħmel tabelli tat-traffiku ġodda jew ibiddel dawk li jkunu fi stat ħażin. Il-marki tat-traffiku fit-toroq huma wkoll fir-responsabilta' tal-Kunsill.

Issa ser ngħaddi biex insemmi xi servizzi li joffri l-Kunsill. Il-Kunsill joffri servizz ta' 'internet' b'xejn minn żewġ postijiet differenti, mill-uffiċċju tal-Kunsill, u anke mill-Pjazza s-Salvatur.

Anzjani mir-raħal tagħna komplew jattendu d-Day Centre t'Għajnsielem. F'dan iċ-Ċentru isiru diversi attivitajiet interessanti għall-anzjani. Trasport għal dan iċ-Ċentru qed jiġi mħallas mill-Kunsill. Dan d-Day Centre qed jitħaddem wara li sar ftehim bejn il-Ministeru Għal Għawdex, il-Kurja u l-Kunsilli Lokali li jagħmlu użu mill-istess Ċentru.

Il-Kunsill kompla żied il-kotba fuq l-ixkaffi tal-librerija tagħna. Hawn ta' min isemmi li l-Kunsill ibbenefika minn skema speċjali dwar libreriji mnedija mid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali. Biex jibbenefika minn din l-iskema l-Kunsill ried jonfoq l-istess ammont mill-fondi tiegħu. Għalhekk biex il-Kunsill seta' jieħu l-massimu mill-fondi speċjali, xtrajna b'aktar minn €1,200 f'kotba u b'hekk il-Kunsill ingħata s-somma ta' €600 lura minn għand id-Dipartiment.

Il-Kunsill qed jibbenefika mill-iskema ta' xogħol fil-komunita tal-ETC. Il-Kunsill għandu s-servizz ta' ħaddiem wieħed li qed jagħmel xogħol ta' manutenzjoni li jkun hemm bżonn f'diversi inħawi fir-raħal tagħna. Jagħmel xogħol simili għandna ħaddiem ieħor li qiegħed taħt l-iskema tal-ħaddiema ex WSC.

Il-Kunsill qed joffri lir-residenti tar-raħal tagħna kors dwar il-ħjata. Dan il-kors qed isir darba fil-ġimgħa matul is-sena skolastika. Għal dan il-għan il-Kunsill kien xtara wkoll magna tal-ħjata u b'hekk dawk li jattendu jkunu jistgħu jipprattikaw dak li jitgħalmu.

Matul din is-sena ġiet organizzata kampanja favur il-qari fost it-tfal żgħar. Fis-sala tal-Kunsill ġew organizzati lezzjonijiet 'Read with me'. Dawn il-lezzjonijiet saru bil-koperazzjoni tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Matul ix-xhur tas-sajf il-Kunsill organizza ukoll diversi korsijiet kemm edukattivi kif ukoll tal-Arti. Dawn saru fis-sala tal-Kunsill u nistgħu ngħidu li kelna lezzjonijiet kuljum matul is-sajf kollu.

Servizz ieħor li qed jingħata mill-uffiċċju tal-Kunsill tagħna huwa dak tal-Posta fejn għandna Sub Post Office. Huma ħafna r-residenti li jagħmlu użu minn dan is-servizz li żgur qed ikun ta' kumdita kbira għalihom.

Il-Kunsill jieħu ħsieb li jorganizza wkoll attivitajiet kulturali matul is-sena. Ta' kull sena il-Kunsill jorganizza attivitajiet biex ifakkar Jum L-Għasri. Mons. Ġużepp Żammit ġie nominat u magħżul mill-Kunsill biex jingħata l-Premju Ġieħ L-Għasri 2015.

Saru attivitajiet oħra matul is-sena fosthom fi żmien il-festa tar-raħal tagħna fejn jiġu organizzati logħob għal kulħadd u anke tiġrijiet taż-żwiemel.

Il-Kunsill organizza diversi ħarġiet matul is-sena. Fit-18 ta' Lulju ġiet organizzata ħarġa għaż-żgħażagħ. Hawn nixtieq insemmi li aktar kmieni din is-sena Matthew Attard ġie maħtur bħala l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ il-ġdid. F'isem il-Kunsill nirringrazzja lil Mario Mizzi li serva bħala Ambaxxatur taż-Żgħażagħ fis-sentejn ta' qabel. L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ qed jgħin lill-Kunsill fl-organizzazjoni ta' diversi attivitajiet.

Fil-25 ta' Awwissu organizzajna ħarġa bil-Calypso Train fejn morna dawra madwar postijiet ta' interess f'Għawdex stess. Fil-5 ta' Settembru organizzajna ħarġa għal Splash And Fun f'Malta. Din is-sena f'Settembru organizzajna ukoll ġita ta' tlett ijiem fi Sqallija.

Ta' min isemmi li l-attendenza għal dawn l-attivitajiet u ħarġiet dejjem kienet waħda tajba ħafna.

Fid-29 ta' April il-Kunsill iltaqa' mal-Isqof ta' Għawdex l-E.T. Mons Mario Grech. Matul din il-laqgħa ġew diskussi diversi suġġetti u kien hemm qbil li l-Knisja u l-Kunsill għandhom ikomplu jaħdmu u jikkolaboraw flimkien għal ġid tal-komunita' tal-Għasri.

Din is-sena l-Kunsill ħa sehem fil-European Week for Waste Reduction magħrufa fil-qosor bħala EWWR. Bil-koperazzjoni ta' Greenmt ġbarna skart riċiklabbli permezz tal-borża l-griża filwaqt li organizzajna ukoll ġbir ta' ħwejjeġ li ma jkunux għadhom jintużaw. Din l-attivita kienet ta' suċċess u għalhekk hemm il-ħsieb li jerġgħu isiru fil-futur.

Fi żmien il-Milied il-Kunsill qed jorganizza tlett attivitajiet li għalihom ikolna parteċipazzjoni tajba ħafna. L-attivitajiet ta' żmien il-Milied ikunu mmirati għal kulħadd u l-attendenza tagħkom waqt l-istess attivitajiet timlina bil-kuraġġ biex inkomplu norganizzaw attivitajiet simili.

Ngħaddi biex insemmi xi xogħlijiet importanti li saru matul din is-sena.

Nibda biex insemmi xogħol li forsi ma tantx jidher iżda bħala Kunsill qed jaħlilna ħafna riżorsi u finanzi. Qed nirreferi għal xogħol li jsir fiż-żona mhux urbana, fil-kampanja sabiħa li għandna f'L-Għasri. It-toroq ta' dawn l-inħawi huma magħmulin mit-turba, jiġifieri żrar u ramel. Għalhekk wara kull maltempata kbira dawn it-toroq iġarrbu ħsarat kbar. Il-Kunsill bil-koperazzjoni tal-Ministeru Għal Għawdex bena diversi ħitan li kienu iġġarfu u diversi toroq jiġu livellati mill-ġdid u b'hekk ir-residenti speċjalment il-bdiewa ikollhom aċċess aħjar f'dawn l-inħawi. Hawn nixtieq nirringrazzja lill-Ministeru Għal Għawdex tal-koperazzjoni tagħhom fejn mhux biss qed jibgħatu l-ħaddiema iżda meta ikun possibbli għalihom jagħtuna l-ġebel u materjal ieħor li jkun hemm bżonn. Minn naħa tiegħu l-Kunsill qed jagħmel xogħol ta' taħmil li jkun hemm bżonn u anke xtrajna l-konkos fejn kien meħtieġ. Fl-aħħar xhur il-Kunsill għamel diversi storm water culverts fl-inħawi ta' Triq Wied L-Għasri. B'hekk qed intaffu mill-problema tal-ilma tax-xita li tagħmel ħafna ħsara lill-istess triq. Il-Kunsill jixtieq li din it-triq tinkesa bit-tarmak jew issir bil-konkos iżda m'għandnix finanzi biżżejjed biex inwettqu dan il-proġett. Għalhekk saret talba lill-Ministeru għal Għawdex biex meta jkun possibbli isir dan ix-xogħol.

Il-Kunsill qed jipprepara lilu innifsu sabiex jakkwista art kbira wara l-Knsija parrokkjali wara li din tiġi kklassifikata bħala open space għall-pubbliku. Meta din l-art tgħaddi f'idejn il-Kunsill aħna se nistiedu lill-pubbliku sabiex jgħinna niżviluppaw din il-ħolma ta' poplu f'waħda tanġibli.

Nagħlaq billi nirringrazzja lill-sħabi l-Kunsilliera kollha tal-għajnuna u l-appoġġ kontinwu li jagħtuni matul is-sena u lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill. Jien minn naħa tiegħi inwiegħed li nkompli naħdem għal ġid tar-raħal tagħna.

**Av. Daniel Attard**
**Sindku**